# Kunsill Lokali – Ta' Xbiex

# Rapport Amministrattiv Sena 2016

## 1.0 Il-Kunsill

Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex, raħal b'popolazzjoni ta' madwar 1,900 huwa magħmul minn ħames kunsillieri eletti. L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, kienet immexxija mis-Segretarju Eżekuttiv bl-assistenza ta' żewġ impjegati skrivani, waħda *full time* u ieħor *part time* u waħda Uffiċjal Eżekuttiv fix-xogħol tal-uffiċċju.

Il-Kunsill elett matul din il-leġislatura beda jopera b'effett mill-1 ta' April, 2013. Din il-leġislatura hija ppjanata li jkollha terminu ta' sitt snin, jiġifieri sas-sena 2019, bħala parti minn proċess li se jġib it-terminu ta' leġislatura, dak ta' ħames snin għal kull Kunsill Lokali.

## 1.1 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill.

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2016 nżammu 11-il laqgħa. L-attendenza kienet hekk kif murija fit-tabella t'hawn taħt:

Tabella tal-attendenza tal-Kunsillieri

L-attendenza tal-Kunsillieri matul is-sena 2016

| Kunsillieri | Laqgħat | Preżenti | Skużat/a | Assenti | % ** |
|---|---|---|---|---|---|
| Is-Sindku Max Zammit | 11 | 11 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Viċi Sindku Ronald Portelli | 11 | 11 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Frank Roe | 11 | 11 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Eugenio Muscat | 11 | 10 | 1 | 0 | 91% |
| Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti | 9 | 9 | 0 | 0 | 100% |

** Persentaġġ maħdum fuq il-laqgħat li għalihom il-Kunsillier kien preżenti

Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti l-ewwel żewġ laqgħat ma attenditx minħabba li kienet għadha mhux Kunsillier.

## 2.0 Il-Ħidma tal-Kunsill

Intbagħtu mad- 9,000 ittra u korrispondenza oħra, filwaqt li ġew ipproċessati mal-1240 permessi dwar xogħolijiet varji fil-lokal. Il-permessi kienu jinkludu dawk relatati ma' krejnijiet, *scaffoldings*, attivitajiet, tqegħid ta' skips u tħaffir ta' toroq. Kwalunkwe' ċittadin għandu l-faċilita' li jiġbor diversi applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill jaċċetta ukoll ħlasijiet ta' pagamenti taċ-ċitazzjonijiet, *trade licence* u tal-kera. Il-Kunsill jieħu ħsieb l-ilmenti li l-maġġoranza jkunu li hemm xi bozzoz maqtugħin għaldaqstant il-Kunsill jirraporta lis-servizz.gov biex tissewwa il-ħsara li jkun hemm u nibqgħu nagħmlu *follow up* sakemm il-ħsara tkun issewwiet. Nieħdu ħsieb ukoll li l-kurduni u *round abouts* ikunu bil-fjuri u li jsir *trimming* tas-siġar ħalli l-ambjent dejjem nżommuh sabih u nadif.

## 2.1 Ilmenti u Suġġerimenti

Matul is-sena 2016, il-Kunsill irċieva 98 ilment u suġġeriment. 94% tal-ilmenti ġew magħluqa, filwaqt li 6% baqgħu ma ġewx solvuti sal-aħħar tas-sena 2016. Dawn il-figuri jixhdu li l-Kunsill jirreġistra bir-reqqa kull ilment li jasallu, għalkemm ikun selettiv fir-reġistrazzjoni ta' ilmenti anonimi. Din is-sistema tgħin lill-Kunsill biex ikun iktar kontabbli fir-rigward tar-residenti u fl-istess waqt ikun jista' jżomm kontroll tal-ilmenti li jkunu għadhom pendenti.

Il-parti l-kbira tal-ilmenti ġew magħluqa permezz ta' xogħol imwettaq minn ħaddiema tal-*Industrial Projects and Services Ltd*. (IPSL) u tal-*jobplus*.

## 2.2 Kuntatt

Bil-għan li jinżamm kuntatt mar-residenti, il-Kunsill jibgħat diversi ittri, jagħmel aġġornament fuq *notice boards* u jaġġorna il-paġna ta' *Facebook*. Il-Kuntatt mar-residenti kompla jinżamm ukoll ħaj permezz ta' ħmistax ħarġiet li saru bi skop kulturali, rikreattiv jew edukattiv, hekk kif deskritt fil-lista segwenti:

09/01/16 - *Dinner Dance*

05/06/16 - Gurnata Sqallija

10/06/16 - Jum Ta' Xbiex

11/06/16 - Festa Rizzi

12/06/17 - *Connecting Trough Culture*

Awwissu – Ġemellaġ

02/09/16 – Ġurnata Għawdex

26/09/16 – Ġurnata il-Belt Valletta

06/10/16 - *Educational Health Talk on Foot Care*

13/10/16 - *Educational Health Talk on Immunisational services*

20/10/16 - *Educational Health Talk on Kidney Disease*

27/10/16 - *Educational Health Talk on Arthritis*

03/11/16 - *Educational Health Talk on Care of the Eyes*

10/11/16 - *Educational Health Talk on Breast Cancer Screening and Colorectal Cancer Screening Services*

8/12/16 - *Fun Run*

Saru diversi laqgħat li organiżża l-Kunsill jew kien parteċipi fihom. Dawn kienu jinkludu laqgħat; tas-Sindki u l-Viċi Sindki; ma' Transport Malta, Laqgħat Reġjonali – Reġjun Ċentru, mal-GreenMT, mal-Perit u l-*Accountant* tal-Kunsill, mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, mal-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura l-Onor Joe Mizzi, mas-Segretarju Parlamentari l-Onor Stefan Buontempo fil-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, u ma' diversi kuntratturi u entitajiet oħra.

## 2.3 Xogħol ieħor

(a) Ġew organiżżati Korsijiet Edukattivi rigward saħħa - Fejn attendew għalih ma 20 persuna adulta. Dawn saru fix-xahar ta' Ottubru u Novembru 2016 ġewwa il-kunsill.

(b) Intlaqgħu 962 talba mir-residenti biex jinġabar Skart Goff (Bulky Refuse) minn wara l-bibien tad-djar residenzjali.

(c) Kien hemm 169 residenti li ħadu l-vaċċin tal-influenza. Dan immarka 4 persuni nieqsa li wżaw dan is-servizz meta pparagunat mas-sena ta' qabel. Fl-2015 kien hemm 173 persuna li ħadu dan il-vaċċin.

(d) Ġewwa l-Kunsill Lokali r-residenti għandhom l-użu tal-berġa, fejn din tkun miftuħa kull nhar ta' Erbgħa bejn 9.15am u 10.30am. Waqt il-ħin tal-berġa ikun hawn

*nurse* biex min irrid tkun tista tiċċekjalu l-pressjoni, zokkor u tagħmilhom appuntamenti għal darboħra. Waqt il-ħin tal-berġa ikun hawn ukoll it-tabib/a fejn tara r-residenti hekk ikollhom xi riħ u tiktbielhom ukoll ir-riċetti.

## 2.4 Jum Ta’ Xbiex

Fis-sena 2016, Jum Ta’ Xbiex sar nhar il-Ġimgħa 10 ta’ Ġunju, 2016, fejn sar spetaklu ta’ kant, żfien u jkun hemm ikel u xorb b’xejn. Qabel ma jsir Jum Ta’ Xbiex ninfurmaw lir-residenti li hekk ikunu jixtiequ jinnominaw lil xi resident biex ntuħ Gieħ Ta’ Xbiex ikunu jistgħu jagħmlu dan billi jiġbru xi firem. Għaldaqstant fis-sena 2016 kellna 2 nomini li kienu is-Sinjura Joyce Mifsud u s-Sinjur Arthur Podesta. Kien hemm intervent qasir mis-Sindku. Biex nagħlqu Jum Ta’ Xbiex, il-Ħadd 12 ta’ Ġunju 2016 iċċelebrajna l-quddiesa ta’ Radd il-Ħajr b’ċerimonja żgħira wara l-quddies.

## 2.5 Xogħolijiet Infrastrutturali

Sar xogħol bejn il-blokok tal-gvern mil-kuntrattur *Deluxe Construction Ltd* li sewa 121,658.39 Ewro

Sar xogħol ta’ *Tarmac* fi Triq Abate Rigord minn Fabio Bonavia li sewa 1250 Ewro.

## 2.6 *Live Streaming*

Il-Kunsill baqa jxandar il-laqgħat tiegħu permezz tal-*internet*. Ix-xandir tal-laqgħat tal-Kunsill huwa aċċessibbli permezz ta’ din il-*link*:

http://taxbiex.ifnetworks.net/

## *2.7 Milied*

Bħas-snin ta’ qabel il-Kunsill reġa żejjen Triq Prinċipessa Margerita, Triq Abate Rigord, Vjal Sir Temi Zammit u Triq ix-Xatt b’dekorazzjonijiet tal-Milied. Dawn it-tiżjin tal-Milied żejnu t-toroq ta’ Ta’ Xbiex għal xahrejn bejn Novembru 2016 u Jannar 2017.Dawn id-dekorazzjonijiet tal-Milied intlaqgħu b’mod tajjeb mill-kommunita’ ta’ Ta’ Xbiex

## *3.0 Finanzi*

Ir-rapport finanzjarju għas-sena 2016 jinsab anness ma’ dan ir-rapport bħala ANNESS 1. Hawn taħt wieħed għandu jsib tabella li tikkompara d-dħul u l-infiq għas-snin 2016 u 2015

**Statement of Comprehensive Income**

**For the year ended 31 December 2016**

| | Note | 2016 | 2015 |
|---|---|---|---|
| | | **Euro** | **Euro** |
| **Income** | | | |
| Funds received from central government | **4** | **255,700** | 252,194 |
| Income raised under Local Council Bye-Laws | **5** | **14,575** | 12,087 |
| Income raised under Local Enforcement System | **6** | **4,458** | 6,373 |
| Interest Income | **7** | **101** | 228 |
| General Income | **8** | **5,835** | 4,944 |
| | | **280,669** | 275,826 |
| **Expenditure** | | | |
| Personal emoluments | **9** | **(79,996)** | (69,699) |
| Operations and maintenance | **10** | **(73,931)** | (73,990) |
| Administration and other expenditure | **11** | **(113,525)** | (150,657) |
| Finance Cost | **12** | **(3,490)** | (3,649) |

| | | |
|---|---|---|
| | **(270,942)** | (297,995) |
| **Surplus/(deficit) for the year** | **9,727** | (22,169) |

## *4.0 Konklużjoni*

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lill-impjegati u lill-ħaddiema tal-Kunsill, tal-kollaborazzjoni tagħhom, għaliex dan ix-xogħol kollu maħsub u ppjanat mill-Kunsill seta’ jitwettaq biss permezz tal-ħidma tagħhom.

IFFIRMAT

______________________

Clayton Xuereb

Segretarju Eżekuttiv